MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 187/2008

**Avukat Luigi A. Sansone bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera *Guccio Gucci S.p.A.***

***Versus***

**Avukat Richard Sladden u Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici maħturin b'dikriet ta' l-4 ta' April 2008 kuraturi deputati sabiex jidhru għal *STUMAR P/C ETS H B A***

Din il-kawża hija dwar drittijiet ta' proprjetà industrijali.
Is-soċjetà attriċi tgħid illi *Guccio Gucci S.p.A.* hija magħrufa sew madwar id-dinja, ukoll f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' ħwejjeġ ta' lbies fosthom qomos tan-nisa, *bikinis* u ċinturini, kif ukoll kartieri u arloġġi ta' l-idejn, hija proprejatarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju tagħha u in konnessjoni ma' l-istess negozju. Barra minn hekk, b'ħila u b'invenzjoni, kif ukoll b'ħafna sagrificcju finanzjarju, is-soċjetà attriċi kisbet reputazzjoni

u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali. Fost oħrajn, is-soċjetà attriċi għandha validament irreġistrati bħala *trademarks* Komunitarji il-markji "*GUCCI*" (kelma, numru 000121988), "*GUCCI*" (figurattiva, numru 00121905), "*GUCCI*" (figattiva numru 004107546), disinni partikolari (numri 005172218 u numru 004462735) u dawn f'kull kaz *inter alia* dwar prodotti f'kategoriji li fihom jaqgħu ħwejjeġ ta' lbies fosthom qomos tan-nisa, *bikinis* u ċinturini, kif ukoll kartieri u arloġġi ta' l-idejn.
Barra minn hekk, is-soċjetà attriċi għandha validament irreġistrati bħala *trademarks* Komunitarji markji oħra għal prodotti partikolari, fosthom numru 003836491 – disinn partikolari, *inter alia* dwar kartieri; numru 002751535 – "GG" (figurattiva), *inter alia* dwar qomos tan-nisa, *bikinis,* ċinturini u kartieri; numru 002880664 – "GUCCI" (figurattiva), *inter alia* dwar arloġġi tal-idejn; u numru 002338556 – "*GG*" (figurattiva), *inter alia* dwar arloġġi ta' l-idejn. Is-soċjetà attriċi għandha wkoll validament irreġistrati bħala *trademarks* bin-numru ta' reġistrazzjoni 34922 ("*GUCCI*", kelma), u 17197 ("*GG*", figurattiva) u dan dwar ħwejjeġ ta' lbies fosthom qomos tan-nisa, *bikinis,* ċinturini, 34921 ("*GUCCI*", kelma) u 14945 ("GUCCI", *figurattiva*) u dan dwar kartieri fost oħrajn, kif ukoll 37175 ("*GUCCI*", kelma) u 1944 ("*GUCCI*", figurattiva), u dan dwar arloġġi ta' l-idejn.
Is-soċjetà attriċi hija *"*detentriċi ta' dritt*"* u hija reġistrata mal-Kontrollur tad-Dwana għall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) ["Kap. 414"] u tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights,* biex b'hekk tgawdi mill-protezzjoni mogħtija fl-artt. 2(1)(*a*)(i), 4 u 8(1) ta' l-istess Kap. 414 u taħt id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artt. 1(*a*)(i), 2.1(a), 10, 16 u 17 ta' l-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003* fost oħrajn;
Dan l-aħħar, waqt l-iskrutinji taħt xi waħda mill-proċeduri doganali msemmija fl-art. 4 ta' l-istess Kap. 414 u fl-artiklu 1(1) tal-*Council Regulation (EC) Nº 1383/2003* hawn

qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien żamm milli jinħareġ il-*container* INKU 2495739 li kien fih fost oħrajn kwantità ta' ħwejjeġ ta' lbies fosthom qomos tan-nisa, *bikinis*, ċinturini, kif ukoll kartieri u arloġġi tal-idejn, barra (fil-kaz tal-oġġetti kollha ħlief ta' l-arloġġi ta' l-idejn) il-materjal ta' ippakkettjar u ittikkettjar relattiv, li lkoll fihom sinjali "*GUCCI*" u oħrajn bħal dawk tas-soċjetà attriċi miktubin b'mod distintiv u prominenti; dawn il-ħwejjeġ waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu sabiex eventwalment jingħataw lill-*consignee* indikata fuq l-istess polza ta' kariku bħala *STUMAR P/C ETS H B A*, ta' Route de Port, Rades 2040 (Tuneżija), u l-istess Kontrollur tad-Dwana għarraf lis-soċjetà attriċi dwar din is-sejba f'ċirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki meħtieġa dwar ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali;

Is-soċjetà attriċi ġiet mgħarrfa bis-sejba fl-4 ta' Frar 2008 u wara li eżaminat ritratti elettroniċi ta' kampjuni ta' dawn l-oġġetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oġġetti kontraffatti li jiksru d-drittijiet tagħha dwar proprjetà intellettwali. Min-naħa tiegħu, il-Kontrollur tad-Dwana wara għadda lis-soċjetà attriċi kopja tad-dokument relattiv għal dan il-kaz intitolat *Draft Bill Of Lading* fejn, fil-kaxxa relattiva għall-*consignee* hemm indikat *STUMAR P/C ETS H B A*, ta' Route de Port, Rades 2040 (Tuneżija).

Għalhekk, l-oġġetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika bħala b'kollox 110 arloġġi tal-idejn, 600 kartiera, 500 ċinturin, 600 *bikini* u 1,250 qomos tan-nisa, u fil-kaz ta' l-oġġetti kollha ħlief għall-arloġġi tal-idejn, il-materjal ta' ippakkettjar u ta' ittikkettjar relattiv, jiksru d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi. Għal dan il-każ japplikaw ukoll *inter alia* u barra d-disposizzjonijiet ta' liġi imsemmija fuq, id-dispossizjonijiet rilevanti ta' l-art. 9.1(a) u (b) tal-*Council Regulation (EC) Nº 40/94 on the Community trade mark,* kif ukoll id-disposizzjonijet rilevanti ta' l-artt 10, 14 sa 19 ta' l-Att ta' l-2000 dwar it-*Trademarks* ["Kap. 416"] u tar-reg. 9 ta' l-Avviż Legali 233 ta' l-2003.

Il-Kontrollur tad-Dwana, ta żmien sat-3 ta' Marzu 2008 sabiex s-soċjetà attriċi tagħtih l-prova li nbdew il-proċedimenti ġudizzjarji ċivili li jwasslu għal deċiżjoni sostantiva dwar il-merti tal-każ.

Is-soċjetà attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:
1. tiddikjara li l-ħwejjeġ ta' lbies fosthom qomos tan-nisa, bikinis, cinturini, kif ukoll kartieri u arloġġi tal-idejn, u fil-kaz ta' l-oġġetti kollha ħlief għall-arloġġi ta' l-idejn, il-materjal ta' ippakkettjar u ta' ittikkettjar relattiv bħal dawk tas-soċjetà attriċi miktubin b'mod distintiv u prominenti, u li jinsabu bħalissa taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien żamm milli jinħareġ il-container INKU 2495739 li kien fih l-imsemmija oġġetti, jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;
2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn dawk l-oġġetti barra mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li ma ssirx ħsara lis-soċjetà attriċi, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jeqred dawk l-oġġetti, f'kull każ bi flus il-konvenuta u mingħajr ebda kumpens lilha;
3. tieħu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tan-negozju;
4. tordna li l-intimata għandha tbati l-ispejjeż kollha biex isir dak li jridu t-tieni u t-tielet talbiet, fosthom dawk tal-Kontrollur tad-Dwana, u tal-ġarr, ħażna u qerda tal-ħwejjeġ.
Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.
Mix-xiehda b'*affidavit* ta' l-Avukat Luigi A. Sansone, bhala rapprezentant tas-soċjetà attriċi, u ta' George Agius, uffiċjal tad-Dwana, jidher illi tassew illi l-prodotti msemmija fir-rikors iġibu fuqhom il-marka "*GUCCI*" tas-soċjetà attriċi u ma humiex awtentiċi. Għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi; tgħid illi s-soċjetà konvenuta kisret id-dritt ta' proprjetà industrijali tas-soċjetà attriċi, u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u tagħtih is-setgħa illi minnufih jeqred il-ħwejjeġ kollha msemmiija fir-rikors maħluf, fil-preżenza ta' rappreżentant tas-soċjetà attriċi.
Tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u dawk mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------